KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 26 ta' Jannar 2010 (28.01)**
**(OR. en)**

**17558/09**

**CRS CSA 1**

**RAPPORT SOMMARJU**

| | |
|---|---|
| **Suġġett:** | **L-1377 laqgħa tal-KUMITAT SPEĊJALI DWAR L-AGRIKULTURA li saret fi Brussell it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2009** |

**SOMMARJU**

**Paġni**

1. Adozzjoni tal-aġenda ........................................................................................................ 3

2. Għajnuna mill-Istat għax-xiri ta' art agrikola ............................................................................ 3

3. Metodi ta' ħidma tal-KSA (Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura) wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. .............................................................................................................. 3

4. Organizzazzjoni tal-ħidma futura.......................................................................................... 4

o

o o

Il-President tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura stieden lill-Kapijiet tad-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni u s-Segretarjat tal-Kunsill għall-ikel fis-13:00 fil-livell 80 tal-bini Justus Lipsius.

1. **<u>Adozzjoni tal-aġenda proviżorja</u>**
17048/09 OJ/CSA 21

L-aġenda ġiet approvata.

2. **<u>Għajnuna mill-Istat għax-xiri ta' art agrikola<br>Artikolu 88(2) tat-Trattat</u>**

(a) *Talba mil-Latvja*
16025/09 AGRI 507
17063/09 AGRI 548
(b) *Talba mil-Litwanja*
16039/09 AGRI 509
17144/09 AGRI 551
(c) *Talba mill-Italja*
16618/09 AGRI 527
17064/09 AGRI 549
(d) *Talba mill-Ungerija*
16662/09 AGRI 529
17060/09 AGRI 547

Il-<u>Kumitat</u> ħa nota tal-preżentazzjonijiet magħmula mid-<u>delegazzjoni Taljana, Latvjana, Litwana u Ungeriża</u> kif ukoll tal-kummenti magħmula minn delegazzjonijiet u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' ftehim fil-livell tal-Kumitat, il-Presidenza indikat l-intenzjoni tagħha li tirreferi l-kwistjoni għas-sessjoni li jmiss tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd).

3. **<u>Metodi ta' ħidma tal-KSA (Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura) wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.</u>**

Il-Kumitat innota l-fatt li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-"proċedura leġislattiva ordinarja" (jiġifieri l-kodeċiżjoni) ġiet estiża għal aktar oqsma koperti mill-KSA. Huwa nnota wkoll il-ħtieġa possibbli għal għadd limitat ta' adattamenti tekniċi għall-metodi ta' ħidma attwali tagħha li tirriżulta miż-żieda fil-volum tal-dossiers ta' kodeċiżjoni. F'isem il-Tliet Presidenzi li jmiss, id-<u>delegazzjoni Spanjola</u> indikat l-intenzjoni tagħha li l-Kumitat jerġa' lura għal din il-kwistjoni fl-ewwel parti tal-2010.

4. **Organizzazzjoni tal-ħidma futura**

Il-Presidenza informat lill-Kumitat dwar l-ippjanar tal-laqgħa tal-Kunsill tal-14-16 ta' Diċembru.